MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Numru. 1328/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Ruben Galea**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ruben Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 417676(M).

Akkuzat talli:
F'April 2010, f'dawn il-Gzejjer, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, xi ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-

Artikolu 108(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitlub sabiex barra mill tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rega' inghata zmien skond il-ligi biex jahsibha rega' ikkonferma tali ammissjoni;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-fedina penali tal-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 108 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Ruben Galea hati tal-akkuzi kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jergax jikkommetti reat iehor fi zmien sena (1) millum. Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat li jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------